MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 88/2002/1

**Appell Nru 88/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Gauci**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Gauci talli (**1**) fil-perjodu ta' bejn it-2 ta' Marzu 2002 u t-22 ta' Marzu 2002, ghalkemm ordnat li jaghmel dan b'digriet tas-Sekonda Awla tal-Qorti Civili (Digriet Nru. 229/99) naqas li jhallas lil martu Anne Marie Gauci s-somma ta' mitt lira maltin (Lm100) fil-gimgha bhala manteniment; u talli (**2**) kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu a tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 fejn hu gie misjub hati u mehlus taht kundizzjoni li ma jikkommettix

reat iehor fi zmien xahar b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Mag. Dott. A. Lofaro) datata 19 ta' Frar, 2002;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' April, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Anthony Gauci hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu xaharejn (2) detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anthony Gauci, minnu prezentat fit-2 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta' l-appellant tas-26 ta' Settembru, 2002 bid-dokumenti annessi maghha; rat is-sentenza preliminari taghha tad-9 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha rrespingiet it-talba ta' l-avukat tal-parti leza li jaghmel sottomissjonijiet f'dana l-istadju ta' appell; semghet lid-difensuri tal-partijiet, cioe` ta' l-appellant Anthony Gauci u ta' l-intimat Avukat Generali; rat in-nota ta' l-appellant ta l-1 ta' Novembru, 2002 u l-kopja tal-verbal ta' l-24 ta' Ottubru, 2002, fil-kawza civili ***Maryanne sive Anne Marie Gauci v. Anthony Gauci*** (Citaz. 208/99); ikkunsidrat:

Il-fatti huma, brevement, is-segwenti: l-appellant jinsab mifrud *de facto* minn ma' martu, u bhalissa hemm proceduri pendenti bejniethom quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Permezz ta' digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili datat 19 ta' Ottubru, 1999, l-appellant kien gie ordnat sabiex *pendente lite* ihallas lil martu s-somma ta' mitt lira (Lm100) fil-gimgha bhala manteniment ghaliha. Dana l-manteniment l-appellant waqaf ihallsu f'xi zmien f'Settembru tas-sena li ghaddiet.

L-aggravji ta' l-apellant, migjuba fuq tlett faccati dattiloskritti u f'disa' paragrafi separati, jirriducu ruhhom, bazikament, ghal aggravju wiehed u cioe` li huwa jinsab fl-impossibilita` li jhallas dak il-manteniment. Huwa jilmenta wkoll *en passant* li l-ewwel qorti ma hallitux jaghmel jew igib provi li bihom b'xi mod seta' juri jew jispjega din l-impossibilita` jew li bihom seta' altrimenti jimmitiga ir-responsabbilta` tieghu penali. Dwar dan l-ilment, u cioe` li

huwa kien b'xi mod impedut milli jgib provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti tirrileva qabel xejn li l-kwistjoni ta' l-impossibilita` li jhallas kellha proprjament tigi trattata u deciza mill-Qorti Civili kompetenti u mhux mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; kien jispetta lill-Qorti Civili kompetenti li tezamina l-provi u tara jekk kienx hemm lok ta' varjazzjoni jew addirittura revoka totali tad-digriet tad-19 ta' Ottubru, 1999 in kwantu jirrigwarda l-hlas tal-manteniment aktar 'l fuq imsemmi. Mill-banda l-ohra, pero`, il-Qorti tal-Magistrati setghet, u fil-kazijiet kongruwi ghandha, tisma' provi in mitigazzjoni tal-piena. Din il-Qorti tosserva, izda, li quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-appellant, allura imputat, anqas biss ittanta jaghmel xi prova *"in mitigation of punishment"*. Jekk wiehed jara l-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' April, 2002 isib li l-appellant ma xehedx, ma ipproduca ebda xhieda, u anqas irregistra xi talba biex ikun jista' jaghmel xi prova ohra. Issa, cioe` fi stadju ta' appell, huwa qed jippretendi li din il-Qorti tippermettilu jaghmel dak li messu ghamel quddiem il-Qorti Inferjuri u ma ghamlux. Din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni, u mhix ser tippermetti li, bi ksur ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 424 tal-Kodici Kriminali, jerga' jinfetah il-process bi provi godda fil-meritu.

Kif diga inghad, il-kwistjoni ta' l-impossibilita` li dak li jkun ihallas il-manteniment ordnat mill-Qorti Civili kompetenti tista' tkun relevanti biss ghall-finijiet ta' mitigazzjoni tal-piena. Huwa proprju limitatament ghall-finijiet ta' piena li din il-Qorti ordnat f'dana l-istadju ta' appell li l-appellant jippresenta kopja tar-rikors li huwa kien ippresenta quddiem il-Qorti Civili kompetenti ghall-varjazzjoni tal-manteniment, kif ukoll ordnat lill-Avukat Generali li jippresenta kopja aggornata tal-fedina penali ta' l-appellant (ara verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Settembru, 2002). Issa, huwa veru li fost diversi rikorsi li l-appellant ippresenta quddiem il-Qorti Civili kompetenti hemm dak datat 13 ta' Novembru, 2001[1]; f'dan ir-rikors huwa kien talab <u>riduzzjoni</u> fl-ammont ta' manteniment li kellu jhallas. Mill-provi, u senjatament mid-deposizzjoni ta' mart l-

[1] Ir-rikorsi l-ohra li kopji taghhom gew ezibiti permezz tan-nota tas-26 ta' Settembru, 2002, huma <u>kollha</u> rikorsi li saru <u>wara</u> d-data tas-sentenza appellata.

appellant moghtija fl-10 ta’ Gunju, 2002, jirrisulta pero` li l-appellant mhux beda jhallas somma anqas bhala manteniment – is-somma li presumibbilment huwa kien qed jippretendi li ghandu jhallas meta talab riduzzjoni tas-somma – izda li minn Settembru tas-sena l-ohra huwa ma hallas xejn. Dana pjuttost juri, aktar milli impossibilita` ta’ hlas, intransigenza jew, aghar, pika da parti tieghu versu martu. Din il-Qorti, ghalhekk, ftit li xejn tista’ tissimpatizza ma’ l-appellant fir-rigward ta’ dak li huwa l-mod kif hu naqas milli jobdi l-ordni ta’ qorti kompetenti. Mill-banda l-ohra, il-fedina penali ta’ l-appellant hija wahda nadifa ghal kollox, salv ghas-sentenza tad-19 ta’ Frar ta’ din is-sena li hija l-bazi tat-tieni imputazzoni. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li, filwaqt li ser tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda htija, sejra tvarja l-piena.

Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell interpost billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati skond iz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannatu xaharejn detenzjoni, u minflok tikkundannah ghaxart (10) ijiem detenzjoni.

Aldo Testone
Assistent Registratur